MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 546/2003

**Avviz numru 546/2003DM**

**Benjamin Farrugia u Oscar Farrugia ta' Santa Maria Service Station**

**Vs**

**Ventura Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm2408.02 (elfejn erba' mija u tmien liri Maltin u zewg centezmi) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' fuel u spare parts mibjugha
kkonsenjat lill-konvenuti mill-atturi skond l-anness statement immarkat Dok X.

Bl-imghax legali mil-31 ta' Lulju 1999, id-data ta' l-ahhar konsenja, sal-jum ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez

gudizzjarji inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 16 ta’ Gunju 2003 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-avviz kontra s-socjeta konvenuta rapprezentati ta’ liema gew ingunti personalment ghas-subizzjoni.
Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta’ riduzzjoni prezentata mill-atturi fis-seduta tal-lum permezz ta’ liema rriducew it-talba taghhom f’somma ta’ Lm1,000 (elf lira Maltin) ghas-somma ta’ Lm1,408.02 (elf erba’ mija u tmien liri Maltin u zewg centezmi).

Rat in-nota ta’ ammissjoni pprezentata minn Dr Antoine Naudi f’seduta stante permezz ta’ liema ammetta t-talba attrici fl-ammont kif ridott.

Ghaldaqstant stante ammissjoni il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-atturi s-somma ridotta ta’ Lm1,408.02 (elf erba’ mija u tmien liri Maltin u zewg centezmi) bl-imghax legali b’effett mil-31 ta’ Lulju tas-sena 1999; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------